MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tas-6 ta' Settembru, 2010

Appell Civili Numru. 6/2007/1

**Kummissarju ta' l-Artijiet**

**v.**

**Frank Calleja, Inez Calleja, Maria Concetta Caruana, Maria Dolores sive Doreen Azzopardi, Ronald Caruana, Claire Caruana, Paul Caruana, Adrian Caruana, Victor Bonello, Richard Bonello, Alfred Bonello, Joseph Bonello, John Briffa, Mario Briffa f'ismu proprju u fl-isem l-assenti Fr Silvio Briffa, Oliver Briffa, Maurice Caruana f'ismu proprju u f'isem l-assenti Maria Carmen Large, Antonella Mousu, Eileen Lautrup, Hugh Caruana, Agnese Gera de Petri**

**u Anna Maria Spiteri Debono f'isimha proprju u f'isem l-assenti Caren Preziosi**

**Il-Qorti:**

**Preliminari**

**1.** Dan l-appell jittratta zewg allegazzjonijiet ta' ksur tad-dritt ta' proprjeta` ta' l-intimati appellati: wahda ghax ma inghatax kumpens xieraq ghall- esproprjazzjoni u l-ohra ghax ligi emendat l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' l-Artijiet ghal Skopijiet Pubblici (Kap. 88) b'mod retroattiv.

**2.** Ma hemmx verament kontestazzjoni dwar il-fatti bazici tal-kawza, li jistghu jigu sintesizzati hekk:

1. B'dikjarazzjoni datata 24 ta' Frar 1995, il-President ta' Malta iddikjara li bicca art f'H'Attard tal-kejl ta' madwar 2,687 metri kwadri kellha tigi esproprjata[1].
2. L-intimati gew notifikati b'Avviz ghall-Ftehim datat 31 ta' Awissu 2001, fejn gew infurmati li l-kumpens li l-awtorita` kompetenti hija lesta biex thallas ghax-xiri assolut ta' tliet kwarti indivizi ta' din il-bicca art, huwa ta' mija u tletin elf Lira Maltija (Lm130,000) ghall-intier.
3. Bi tlett ittri ufficjali tad-19, 24 u 25 ta' Settembru 2001 rispettivament, l-intimati fost affarijiet ohra iddikjaraw li ma jaccettawx il-kumpens offert u talbu li dan il-kumpens ghandu jkun ta' hames mitt elf Lira Maltija (Lm500,000) ghall-intier.
4. Fit-23 ta' Ottubru 2001, il-Kummissarju ta' l-Artijiet beda proceduri quddiem il-Bord ta' l-Arbitragg dwar Artijiet, fejn fost affarijiet ohra, talab lill-istess Bord jiffissa l-kumpens relattiv.
5. B'zewg risposti separati, l-intimati kollha hlief Anna Maria Spiteri Debono u Caren Preziosi, irribattew li l-valur ta' l-art kien ta' hames mitt elf Lira Maltija (Lm500,000). Mill-atti ma jirrizultax li l-intimati Anna Maria Spiteri Debono u Caren Preziosi ipprezentaw risposta ghar-rikors tal-Kummissarju ta' l-Artijiet.

[1] Ara fol. 45 tal-process tal-Bord ta' l-Arbitragg dwar Artijiet.

6. Fis-seduta tal-Bord tas-7 ta’ Dicembru 2001 gew nominati il-Perit David Pace u l-Perit Renato La Ferla bhala Membri Teknici tal-Bord.
7. Fit-12 ta’ Frar 2002, il-Membri Teknici tal-Bord zammew access fuq il-fond esproprjat fil-prezenza tal-Kummissarju ta’ l-Artijiet u ta’ uhud mill-intimati.
8. Fis-seduta tal-Bord tat-3 ta’ Mejju 2002, gie verbalizzat illi *“wara l-ahhar seduta giet anness* (sic) *mal-atti r-relazzjoni teknika ta’ dan il-Bord.”* F’din is-seduta kien hemm prezenti d-difensur tal-Kummissarju ta’ l-Artijiet u whud mill-intimati, flimkien ma’ l-avukati difensuri taghhom.
9. Fir-relazzjoni taghhom, il-membri teknici tal-Bord qalu li huma *“jistmaw il-valur tat-tlett kwarti indivizi ta’ din il-bicc’art, (bazat dan fuq valur tal-intier ta’ £M 602460), fil-prezz ta’ £M 451845, (erba’ mija u wiehed u hamsin elf tmien mija u hamsa u erbghin Liri Maltin).”*[2]
10. Fis-seduta tas-7 ta’ Frar 2003 quddiem il-Bord gie *inter alia* verbalizzat hekk: *“Ir-rapport tal-Periti Teknici hu lest. Dr P Borg Costanzi u Dr J Scerri f’isem il-patrocinati taghhom jiddikjaraw li m’ghandhomx provi aktar in vista li jirrimettu ruhhom ghar-rapport tal-periti teknici.”*[3]
11. Fis-seduta tal-11 ta’ Ottubru 2004, ir-rikors gie differit ghas-sentenza ghall-15 ta’ Novembru 2004[4], u sussegwentement ghas-6 ta’ Dicembru 2004[5], u baqa’ jigi hekk differit sakemm fl-ahhar gie deciz b’sentenza tas-27 ta’ Marzu 2006.
12. Fiz-zmien li l-kawza kienet qieghda tigi differita ghas-sentenza, gie promulgat l-Att XVII ta’ l-2004, li *inter alia* emenda l-Artikolu 25 tal-Kap. 88, u wara s-subartikolu (1) ta’ dan l-Artikolu, gie introdott il-*proviso* gdid li gej: *“Izda l-ammont ta’ kumpens li jigi determinat mill-Bord skond il-provvedimenti tal-paragrafu (e) ta’ dan is-subartikolu m’ghandux jeccedi l-oghla ammont ta’ kumpens li jkun gie propost minn xi wahda mill-partijiet.”*[6] L-Artikolu 4(2) ta’ l-Att XVII ta’ l-2004 jikkontjeni disposizzjoni transitorja li tghid illi: *“Il-provvedimenti ta’ l-*

---

[2] Ara fol. 29 tal-process tal-Bord.
[3] Ara fol. 68 tal-process tal-Bord.
[4] Ara fol. 93 tal-process tal-Bord.
[5] Ara fol. 98 tal-process tal-Bord.
[6] Ara l-Artikolu 4(1)(a)(i) ta’ l-Att XVII ta’ l-2004.

*artikoli 25 u 31 kif emendati b'dan l-artikolu japplikaw ghall-proceduri kollha anke dawk dwar art li fuqha hemm Dikjarazzjoni mahruga taht l-artikolu 3 ta' l-Ordinanza li tkun saret qabel ma jidhol fis-sehh dan l-artikolu."*

13. Fis-sentenza tieghu tas-27 ta' Marzu 2006, il-Bord irritjena illi ghalkemm il-membri teknici tal-Bord kienu stmaw l-art shiha fl-ammont ta' Lm602,460, il-kumpens li talbu l-intimati kien ta' Lm500,000 ghall-intier, u tlieta minn erbgha ta' dan jigi Lm 375,000. Il-Bord osserva illi *"... ... (S)kond l-art. 25 tal-Kap 88, l-ammont li jaghti l-Bord (ara Att XVII ta' l-2004) ma jistax jeccedi l-oghla ammont ta' kumpens li jkun gie propost minn xi wahda mill-partijiet. Ghalhekk skond il-ligi, il-Bord hu marbut ma' l-ammont ta' Lm375,000".* Konsegwentement il-Bord ordna li l-kumpens dovut ghall-esproprazzjoni ta' l-art in kwistjoni kellu jkun ta' Lm375,000.[7]

14. L-intimati Frank Calleja, Inez Calleja u Agnes Gera de Petri appellaw minn din is-sentenza lill-Qorti ta' l-Appell. <u>Ghalhekk, is-sentenza tal-Bord ghaddiet in gudikat fil-konfront ta' l-intimati l-ohra, u taghmel stat fil-konfront taghhom</u>.

15. In sintezi l-aggravju ta' l-intimati appellanti Frank Calleja, Inez Calleja u Agnes Gera de Petri quddiem il-Qorti ta' l-appell kien li skond il-ligi kif kienet meta nbdew il-proceduri quddiem il-Bord, il-kumpens dovut lilhom kellu jkun dak li jirraprezenta l-valur ta' l-art fuq is-suq fid-data tan-notifika ta' l-avviz ghal ftehim, u dan ikun kemm ikun u kif jigi stabbiliet mill-istess Bord u l-periti membri tal-Bord. Huma ssottomettew li fil-mori tal-proceduri, id-dritt taghhom ghal kumpens gie menomat bl-emendi li saru bl-Att XVII ta' l-2004, li konsegwenza tieghu minflok baqa' dritt ghal kumpens xieraq li jirraprezenta l-valur tal-proprjeta` fis-suq fid-data ta' l-Avviz ghal Ftehim, sar l-oghla ammont mitlub mill-intimati fil-proceduri, b'tali mod li huma gew imcahhda minn dak il-kumpens li l-ligi stess kienet tistabilixxi bhala dak l-ammont gust u li l-periti tal-Bord stess stabbilew fit-termini tal-ligi. Huma ssottomettew li dan jikkostitwixxi ksur tad-dritt taghhom tal-proprjeta` kif sancit bl-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea.

[7] Ara fol. 117 tal-process tal-Bord.

Huma ilmentaw ukoll illi d-dewmien ta’ zmien mehud quddiem il-Bord sabiex jigi stabbilit il-kumpens dovut lilhom sar wiehed mhux biss irragonevoli izda anke kkrealhom pregudizzju serju billi cahhadhom minn ammont ta’ kumpens sostanzjali, u dan bi ksur tad-dritt taghhom ghal smiegh xieraq.

16. Dan l-appell instema’ u gie trattat mill-Qorti ta’ l-Appell (Sede Inferjuri) u gie differit ghas-sentenza ghall-24 ta’ Jannar 2007.

17. Fl-24 ta’ Jannar 2007, il-Qorti ta’ l-Appell (Sede Inferjuri) tat dan il-provvediment[8]: *“Billi dan l-appell konsimili ghal dawk b’Rikorsi Nru.1/97 u 8/95. koncernanti allegazzjoni ta’ vjolazzjoni ta’ disposizzjonijiet Kostituzzjonali u Konvenzjonali, li din il-Qorti jidhrilha li timmerita konsiderazzjoni adegwata fis-sede propja, ghaldaqstant, fil-waqt li l-Qorti tordna s-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza, tordna ukoll illi fit-termini ta’ l-Artikolu 46(5) tal-Kostituzzjoni u tal-Kapitolu 319 l-atti jintbaghtu lill-Prim’Awla tal-Qorti Civili biex hemm tigi trattata u deciza l-istess materja. Intant l-appell qed jigi differit sine die, riappuntabbli fuq talba ta’ xi wahda mill-partijiet b’rikors ad hoc, u sussegwentement ghad-decizjoni ta’ dik il-Qorti l-ohra.”*

18. Fir-Rikors Nru. 1/97, fl-ismijiet **Kummissarju ta’ l-Artijiet vs Maria Teresa Deguara Caruana Gatto et**, imsemmi f’dan id-digriet, il-Qorti ta’ l-Appell fl-istess gurnata tat is-segwenti digriet: *“Ezaminati l-atti ta’ l-appelli interposti mill-kontendenti, jirrizultaw dikjaratament fihom aggravji bazati fuq allegazzjonijiet ta’ ksur ta’ principji Kostituzzjonali u Konvenzjonali. Hekk ir-rikorrenti qed jallegaw ksur ta’ l-Artikolu 37(1) tal-Kostituzzjoni u vjolazzjoni ta’ l-Artikolu 1 ta’ l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea (Kapitolu 319). Dan in referenza ghall-proviso introdott bl-Att XVII ta’ l-2004 ghall-Artikolu 25 tal-Kapitolu 88. Minn naha l-ohra l-Kummissarju, qed jallega ksur tal-principju fundamentali tas-smigh xieraq ghal motiv li l-istima tal-periti Jaccarini u Laferla tivvjola l-principju ta’ l-imparzjalita u ta’ l-indipendenza; Il-Qorti jidhrilha li ghall-importanza taghhom il-kontestazzjonijiet tal-lezjoni tal-jeddijiet fundamentali involuti ghandhom jigu*

---

[8] Ara fol. 145-146 tal-process.

*mistharrga u approfonditi mill-forum idoneju; Konsegwentement, fil-waqt li tordna s-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza, tordna wkoll ai termini ta' l-Artikolu 46(5) tal-Kostituzzjoni u tal-Kapitolu 319 illi l-atti jigu riferiti lill-Prim Awla, Qorti Civili biex din taghti l-gudizzju taghha fuq dawk il-materji puri ta' indoli kostituzzjonali u konvenzjonali. Fil-frattemp, l-appelli qed jigu differiti sine die, riappuntabbli fuq talba b'rikors ad hoc minn xi wahda mill-partijiet, wara d-decizjoni ta' dik il-Qorti l-ohra."* Din ir-riferenza kostituzzjonali ukoll waslet quddiem din il-Qorti, cioe` quddiem il-Qorti Kostituzzjonali (ara Rikors Nru. 4/2007), u qed tigi deciza b'sentenza tal-lum stess.

19. A skans ta' ekwivoci, jinghad mill-ewwel li fil-proceduri odjerni l-appellant Kummissarju ta' l-Artijiet mhux qed jallega xi ksur tad-dritt tieghu ta' smiegh xieraq – kif hu l-kaz fir-rikors nru. 1/97, u li spicca quddiem dina Qorti bhala Rikors Kostituzzjonali numru 4/07. Fil-fatt il-Kummissarju lanqas biss appella mis-sentenza tal-Bord. Konsegwentement id-digriet li tat il-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fil-proceduri odjerni, moqri flimkien mad-digriet li inghata fir-rikors nru. 1/97, jista' jinftiehem biss illi dik il-Qorti kienet qed titlob lill-Prim Awla tal-Qorti Civili tikkunsidra u tiddeciedi l-allegazzjoni tat-tlett intimati appellanti f'dawk il-proceduri illi il-*proviso* introdott bl-Att XVII ta' l-2004 ghall-Artikolu 25 kien jivvjola l-Artikolu 37(1) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea (Kapitolu 319), billi dawn huma l-unici zewg artikoli koncernanti d-drittijiet fundamentali ta' l-intimati appellati li gew imsemmija fir-riferenza kostituzzjonali li ghamlet il-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri).

20. Fil-procedura ta' riferenza quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili, l-intimati Agnese Gera de Petri u Frank Calleja (ghalhekk jidher li mhux ukoll l-intimata Inez Calleja) indikaw s-segwenti bhala punti allegatament minnhom imqajma fir-rikors ta' l-appell, u li skond huma kellhom jigu decizi f'dawn il-proceduri ta' riferenza:

1. vjolazzjoni ta' l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u ta' l-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll ghall-Konvenzjoni Ewropea li jipprotegu d-dritt ghat-tgawdija tal-proprjeta`, billi l-kumpens dikjarat ma jirriflettix il-kumpens xieraq u

dovut, izda huwa kumpens limitat bl-emenda introdotta bl-Att XVII tas-sena 2004 ghall-*proviso* ta' l-Artikolu 25 tal-Kap. 88.

2. vjolazzjoni ta' l-Artikolu 17 tal-Konvenzjoni Ewropea mehud flimkien ma' l-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll ghall-Konvenzjoni Ewropea u dan billi l-*proviso* ghall-Artikolu 25 ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ghal Skopijiet Pubblici huwa att mahsub sabiex jeqred jew jelimina d-dritt protett taht l-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll ghall-Konvenzjoni Ewropea aktar minn dak provdut u permess taht l-istess Konvenzjoni.

3. vjolazzjoni ta' l-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u ta' l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea billi (a) il-proceduri sabiex jigi stabbilit il-kumpens dovut lill-intimati ma gewx decizi fi zmien ragonevoli u li dan it-tul ta' zmien wassal sabiex jigi limitat id-dritt ghal kumpens xieraq fid-dawl tal-protezzjoni ghat-tgawdija tal-proprjeta` kif protett taht l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll ghall-Konvenzjoni Ewropea; (b) in oltre fid-dawl taz-zmien mehud ghall-imsemmija proceduri, u l-introduzzjoni ta' l-emenda in kwistjoni gew lezi l-istess artikoli ukoll billi giet mahluqa sitwazzjoni ta' nuqqas ta' parita` ta' armi bejn il-partijiet (*'parity of arms'*).[9]

## Is-sentenza appellata

**3.** B'sentenza tas-27 ta' Novembru 2008, il-Prim Awla tal-Qorti Civili ddecidiet dwar din ir-riferenza billi ddikjarat illi bl-applikazzjoni ta' l-emenda introdotta bl-Att XVII tas-sena 2004 ghall-*proviso* ta' l-artikolu 25 ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' l-Artijiet ghal Skopijiet Pubblici ghall-kaz in ezami fid-decizjoni tal-Bord ta' l-Arbitragg dwar l-Artijiet tas-27 ta' Marzu 2006 fil-kawza fl-ismijiet "Il-Kummissarju ta' l-Artijiet vs. Frank Calleja" (Rikors 45/2006 recte 45/2001) gew lezi d-drittijiet fundamentali ta' l-intimati u senjatament l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u ta' l-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea li jipprotegu d-dritt ghat-tgawdija tal-proprjeta u ghalhekk l-istess decizjoni kienet f'dak il-kuntest nulla u bla effett, b'dan li l-kumpens illi ghandu jigi stabbilit a favur ta' l-intimati

[9] Ara fol. 160-161 u fol. 163-164 tal-process in prim'istanza.

minhabba l-esproprjazzjoni tal-proprjeta` taghhom kellu jsir skond Kap. 88 tal-Ligijiet ta’ Malta kif kien qabel ma dahlet *in vigore* l-emenda introdotta bl-Att XVII tas-sena 2004, u konsegwentement ordnat lir-Registratur jghaddi lura l-atti lill-Qorti ta’ l-Appell sabiex l-istess taderixxi ruhha ma’ dik id-decizjoni. L-ispejjez tar-referenza kostituzzjonali kellhom ikunu a karigu tal-Kummissarju ta’ l-Artijiet. Ghall-ahjar intendiment tal-odjerna sentenza, qed tigi annessa kopja tal-imsemmija sentenza tas-27 ta’ Novembru 2008 bhala appendici, biex din tifforma parti integrali tal-odjerna sentenza.

**L-appell**

**4.** Il-Kummissarju ta’ l-Artijiet hassu aggravat b’din is-sentenza u interpona appell minnha. L-aggravji tieghu jistghu jigu sintesizzati hekk:

1. Permezz tal-*proviso* ghall-Artikolu 25 tal-Kap. 88, il-legislatur dahhal kjarifika fil-ligi fejn l-ammont ta’ kumpens li ghandu jigu stabbilit mill-Bord m’ghandu qatt jeccedi l-oghla kumpens illi jkun intalab minn wiehed mill-partijiet – principju applikabbli f’kull tribunal gudizzjarju. Din l-emenda saret minhabba dak li skond l-appellant kienet interpretazzjoni hazina tal-ligi f’xi kaz jew tnejn precedenti, decizi mill-Bord. Ghalhekk, skond l-appellant, din l-emenda ma illimitatx il-kumpens izda irregolat biss il-procedura.
2. Illi l-ewwel qorti kienet zbaljata fil-mod kif applikat il-kuncett ta’ *legitimate expectation*, kif stabbilit mill-gurisprudenza.
3. Illi din l-emenda bl-ebda mod ma naqqset minn xi dritt li parti kellha quddiem qorti jew tribunal rispettivament, ghaliex huwa assurd li wiehed jitkellem fuq “dritt” li wiehed jircievi kumpens ghal art aktar milli huwa stess, minghajr ma kien soggett ghal ebda limitazzjoni, ikun talab taghha.

**5.** Dawn l-aggravji ma gewx hawn elenkati fl-ordni li fih gew sottomessi fir-rikors ta’ l-appell, izda huma sintezi tad-diversi lanjanzi ta’ l-appellant, li din il-Qorti ppruvat

ittihom ordni logiku. Dan ghaliex minn dak li hija setghet tifhem mis-sottomissjonijiet li saru mill-intimati appellati quddiem l-ewwel Qorti, u fir-risposta taghhom ghar-rikors ta' l-appell, l-intimati appellati qieghdin jilmentaw minn zewg vjolazzjonijiet distinti tad-dritt taghhom ta' proprjeta kif protetti bil-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni Ewropea, u cioe:

1. li l-applikazzjoni retroattiva ta' l-emenda in kwistjoni ivvjolat il-*legitimate expectation* taghhom li l-kumpens taghhom ghall-esproprju jigi determinat skond il-ligi allura vigenti u mhux skond l-emenda li giet promulgata fil-mori ta' dawk il-proceduri, u li, skond huma, cahdithom minn parti sostanzjali tal-kumpens li ghalih kienu intitolati;
2. li l-ammont li gie likwidat mill-Bord ma kienx jikkostitwixxi kumpens xieraq ghall-esproprju ta' l-art taghhom, ghaliex il-Bord kien applika l-emenda impunjata;

**6.** Sfortunatament, id-distinzjoni bejn dawn iz-zewg allegati vjolazzjonijiet mhux dejjem giet mizmuma la mill-partijiet infushom u lanqas, bir-rispett kollu, mill-ewwel Qorti fis-sentenza appellata. Pero`, dawn iz-zewg ilmenti ghandhom jinzammu distinti u separati, ghax altrimenti ikun hemm konfuzjoni ta' kuncetti.

**7.** Ghal dan l-appell tal-Kummissarju, irrispondew l-appellati Frank u Ines konjugi Calleja li irribattew l-aggravji ta' l-appell.

**8.** Irrispondew ukoll appellati Agnes Gera de Petri u Anna Maria Spiteri Debono f'isimha proprju u f'isem l-assenti Caren Preziosi. Dwar din ir-risposta ta' l-appell, iridu jsiru zewg kunsiderazzjonijiet:

(i) L-ewwel wahda hija li mill-atti ma jirrizultax li l-appellati Anna Maria Spiteri Debono u Caren Preziosi appellaw mid-decizjoni tal-Bord ta' l-Arbitragg dwar l-Artijiet lill-Qorti ta' l-Appell, u ghalhekk id-decizjoni ta' dak il-Bord taghmel stat fil-konfront taghhom. Konsegwentement dawn iz-zewg intimati la jistghu jibbenefikaw u lanqas jigu pregudikati mill-ezitu finali ta' din il-procedura ta' riferenza. Lanqas huwa legalment konsentit lilhom li jintervjenu f'din il-procedura ta'

riferenza, billi jintavolaw risposta ta' l-appell. Ghaldaqstant, ir-risposta ta' l-appell safejn tirrigwarda l-intimati Anna Maria Spiteri Debono u Caren Preziosi ghandha tigi injorata.

(ii) It-tieni konsiderazzjoni hija li f'din ir-risposta insibu risposta ghal allegat aggravju tal-Kummissarju appellant li l-Bord ivvjolat id-dritt tieghu ghal smiegh xieraq. Dan huwa semplicement aggravju fantazma, ghax f'dawn il-proceduri, il-Kummissarju appellant, lanqas biss appella mid-decizjoni tal-Bord, u ghalhekk wisq inqas ghamel xi allegazzjoni li gie vjolat id-dritt tieghu ghal smiegh xieraq. Ghalhekk, is-sottomissjonijiet li saru f'din ir-risposta ta' l-appell fuq dan l-aggravju fantazma se jigu wkoll injorati.

**9.** L-intimati appellati l-ohra ipprezentaw nota li permezz taghha iddikjaraw illi huma ma kienux appellaw mis-sentenza tal-Bord ta' l-Arbitragg dwar l-Artijiet u m'humiex involuti fil-proceduri odjerni[10]. Dawn l-intimati huma: Maria Concetta Caruana, Maria Dolores sive Doreen Azzopardi, Ronald Caruana, Claire Caruana, Paul Caruana, Adrian Caruana, Victor Bonello, Richard Bonello, Alfred Bonello, Joseph Bonello, Joseph Briffa, John Briffa, Mario Briffa f'ismu proprju u f'isem l-assenti Father Silvio Briffa, Oliver Briffa, Maurice Caruana f'ismu proprju u f'isem l-assenti Maria Carmen Large, Antonello Mousu, Eileen Lautrup u Hugh Caruana. Kif diga inghad, ladarba dawn l-intimati appellati ma appellawx mis-sentenza tal-Bord, dik is-sentenza taghmel stat fil-konfront taghhom. Jigi rilevat ukoll illi mill-atti ma jirrizulatax li xi hadd bl-isem Joseph Briffa qatt kien wiehed mis-sidien intimati fil-proceduri odjerni – jidher li dan huwa kaz tipiku tal-espressjoni Ingliza *to make things confused worse confounded*!

## <u>Pregudizzjali</u>

**10.** Hemm, pero`, kwistjoni sollevata *ex officio* minn din il-Qorti fl-udjenza tat-18 ta' Settembru 2009, li trid tigi epurata. F'dik l-udjenza, wara li giet sospiza l-prolazzjoni

[10] Ara nota a fol. 46 tal-process ta' l-appell kostituzzjonali.

tas-sentenza, din il-Qorti gibdet l-attenzjoni tal-partijiet illi l-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) li ghamlet l-ordni ta' referenza lill-Prim Awla "x'aktarx ma kellhiex kompetenza li tiehu konjizzjoni tal-appell li kellha quddiemha" u dan peress li kienu diga gew fis-sehh l-emendi fil-Kap. 88 li jipprovdu li l-appelli mill-Bord kellhom jinstemghu mill-Qorti ta' l-Appell komposta minn tlett Imhallfin u mhux, kif kienet dik il-Qorti meta ghamlet l-ordni ta' referenza, komposta minn Imhallef wiehed. Fl-imsemmija udjenza tat-18 ta' Settembru 2009 din il-Qorti stiednet lill-partijiet jiddikjaraw jekk, minkejja dan, huma jaqblux li l-appell xorta wahda jinstema u jigi deciz minn din il-Qorti, u, f'kaz li ma jaqblux, biex l-istess partijiet jaghmlu s-sottomissjonijiet taghhom dwar il-kwistjoni jekk l-ordni ta' referenza kienx fic-cirkostanzi wiehed validu jew le. B'nota pprezentata fit-30 ta' Settembru 2009, il-Kummissarju tal-Artijiet fisser li hu ma kienx jaqbel li l-kwistjoni tigi determinata minn din il-Qorti u dan peress illi, skond hu, "l-ordni ta' referenza li permezz tieghu inghata bidu ghall-proceduri odjerni huwa wiehed null". Dwar din il-kwistjoni saru sottomissjonijiet fl-udjenza tat-30 ta' Novembru 2009 mid-difensuri tal-partijiet.

**11.** Din il-Qorti, wara li ezaminat id-disposizzjonijiet relattivi, hi tal-fehma li ma tirrizulta ebda invalidita` fir-rigward tal-ordni ta' referenza kif originarjament maghmul, anke jekk il-Qorti tal-Appell li ghamlitu kienet komposta minn Imhallef wiehed. Fir-rikors tal-appell quddiem dik il-Qorti – u tajjeb li jigi osservat li l-Qorti tal-Appell, sia jekk komposta minn tliet Imhallfin u sia jekk komposta minn Imhallef, hija qorti wahda (Artikolu 3(b), Kap. 12) – tqajmu kwistjonijiet ta' indoli kostituzzjonali li l-Qorti tal-Appell, sia jekk komposta minn Imhallef wiehed u sia jekk komposta minn tlieta, ma kienitx kompetenti li tiddeciedi u li allura bilfors kellha tirreferi, permezz ta' ordni ta' referenza, lill-Prim Awla. Ghalhekk, ghall-finijiet tal-ordni ta' referenza li effettivament sar, il-Qorti ta' l-Appell, anke jekk kienet komposta minn Imhallef wiehed biss, kienet kompetenti li taghmel dak l-ordni, u dana qed jinghad ukoll anke ghall-finijiet effetti kollha tal-Artikolu 774 tal-Kap. 12. Ghandu jigi osservat, inoltre, li ebda wahda mill-partijiet qatt ma qajmet, la quddiem il-Qorti tal-Appell li ghamlet l-ordni u

lanqas quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili li permezz ta' dak l-ordni kellha tidderimi punti ta' indoli kostituzzjonali, xi eccezzjoni dwar il-kompetenza tal-Qorti wahda jew l-ohra, jew xi eccezzjoni ta' nullita` tal-proceduri jew tal-atti. Illum, il-kawza tinsab fl-istadju ta' appell mid-decizjoni tal-Prim Awla. Anqas jista' jinghad li kien hemm xi nuqqas ta' "kompetenza" jew ta' "gurisdizzjoni" ghall-finijiet tal-Artikoli 798 u 790 tal-imsemmi Kap. 12, ghax, kif inghad, il-kwistjonijiet sollevati bilfors u necessarjament kellhom jigu riferiti lill-Prim Awla. Ghalhekk, l-ordni ta' referenza li sar kien wiehed validu, il-Prim Awla kienet kompetenti li tiehu konjizzjoni tieghu (kif effettivament ghamlet), u din il-Qorti ghandha ghalhekk tghaddi biex tiehu konjizzjoni tal-appell li interpona l-Kummissarju tal-Artijiet. Ovvjament, wara din il-Qorti tiddeciedi dana l-appell, l-atti jigu rinvjati lill-Qorti ta' l-Appell u r-Registraur ghandu jiehu hsieb li dawn igibhom quddiem il-Qorti ta' l-Appell komposta minn tliet Imhallfin.

**L-ewwel aggravju**

**12.** Fl-ewwel aggravju tieghu l-Kummissarju appellant issottometta illi permezz tal-*proviso* ghall-Artikolu 25 tal-Kap. 88, il-legislatur dahhal kjarifika fil-ligi fejn l-ammont ta' kumpens li ghandu jigu stabbilit mill-Bord m'ghandu qatt jeccedi l-oghla kumpens illi jkun intalab minn wiehed mill-partijiet – skond hu, dan hu principju applikabbli f'kull tribunal gudizzjarju. Din l-emenda saret minhabba dak li skond l-appellant kienet saret interpretazzjoni hazina tal-ligi f'xi kaz jew tnejn precedenti, decizi mill-Bord. Ghalhekk, skond l-appellant, din l-emenda ma illimitatx il-kumpens izda irregolat biss il-procedura.

**13.** Dana l-aggravju huwa identiku ghal dak sollevat mill-Kummissarju tal-Artijiet fl-appell, deciz illum, fl-ismijiet **Kummissarju tal-Artijiet v. Maria Theresa Deguara Caruana Gatto et** (Rik. 4/07). A skans ta' ripetizzjoni, din il-Qorti taghmel referenza ghall-paragrafi **14** sa **22** ta' dik is-sentenza, u ghall-istess ragunijiet hemm moghtija, qed tirrespingi dana l-ewwel aggravju tal-appellant Kummissarju tal-Artijiet.

**<u>It-tieni aggravju</u>**

**14.** Fit-tieni lok, il-Kummissarju appellant jilmenta illi l-ewwel qorti kienet zbaljata fil-mod kif applikat il-kuncett ta' *legitimate expectation*, kif stabbilit mill-gurisprudenza. Huwa jissottometti illi l-intimati appellati ma kellhomx *a legitimate expectation* ghall-kumpens imsejjah shih, kif deciz mill-membri teknici tal-Bord, izda kellhom *a legitimate expectation* li jiehdu kumpens xieraq, liema kumpens kellu jigi determinat skond il-Kap. 88. Fi kwalunkwe kaz, dejjem skond l-appellant, ladarba l-intimati appellati kienu ddikjaraw li qed jippretendu kumpens fl-ammont ta' Lm375,000, dan l-ammont jikkostitwixxi l-massimu ta' l-aspettativa legittima taghhom.

**15.** Min-naha l-ohra, l-ewwel Qorti rriteniet illi l-intimati appellati kellhom *a legitimate expectation* illi l-kumpens taghhom jigi iddeterminat skond il-ligi allura vigenti u mhux permezz ta' regoli li saru bl-istess emenda impunjata, u ghalhekk l-applikazzjoni retroattiva ta' l-istess emenda ghal kazijiet fejn l-esproprju jkun sar qabel ma giet *in vigore* l-istess emenda kisret d-dritt taghhom ghal kumpens xieraq kif sancit taht l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea.

**16.** Il-kuncett ta' *legitimate expectation* ma jissemma' mkien fl-Artikolu 1 tal-Ewwell Protokoll, izda gie introdott mill-gurisprudenza. Fis-sentenza **Maurice v. France** deciza fis-6 ta' Ottubru 2005, il-Qorti Ewropea qalet hekk: *"The Court reiterates that, according to its case-law, an applicant can allege a violation of Article 1 Protocol 1 only in so far as the impugned decisions relate to his "possessions" within the meaning of that provision. "Possessions" can be "existing possessions" or assets, including in certain well-defined situations, claims. <u>For a claim to be capable of being considered an "asset" falling within the scope of Article 1 of Protocol 1, the claimant must establish that it has a sufficient basis in national law, for example where there is settled case-law of the domestic courts confirming it. Where that has been done,</u>*

*the concept of "legitimate expectations" can come into play."* (enfasi ta' din il-Qorti).

**17.** Dan il-kaz ta' **Maurice v. France** kien jikkoncerna t-twelid ta' tarbija b'dizabilita`, liema dizabilita` ma kienitx giet ravvizata waqt it-tqala minhabba negligenza f'dijanjosi waqt il-gestazzjoni. L-applikanti talbu kumpens, izda waqt il-proceduri dahlet fis-sehh ligi gdida li bazikament affettwat wahda mit-talbiet ta' l-applikanti ghal hlas ta' danni u kienu b'hekk intitolati ghal ferm anqas. Il-Qorti ta' Strasbourg sabet li l-applikanti kellhom *"a legitimate expectation"* ghaliex irriteniet illi: *"As to the way in which that claim would have been treated in domestic law had it not been for the enactment of the law complained of, the Court considers that, account being taken of the Quarez judgment given by the Conseil d'Etat on 14 February 1997 and the settled case-law on the question established since then by the administrative courts, the applicants could legitmately expect to be able to obtain compensation for the prejudice they had sustained, including the special burdens arising from their child's disability throughout her life. In the Court's opinion, before the enactment of the law complained of, the applicants had a claim which they could legitimately expect to be determined in accordance with the ordinary law of liability for negligence, and therefore a "possession" within the meaning of the first sentence of Article 1 of Protocol 1, which is accordingly applicable in the case."*

**18.** Ghalhekk, wiehed irid jara fl-ewwel lok jekk jistax jinghad li fil-kaz odjern l-intimati appellati kellhom *a legitimate expectation* illi l-kumpens taghhom kien se jigi stabbilit mill-Bord skond-ligi allura vigenti f'ammont partikolari, u mhux skond ir-regoli introdotti bl-emenda in kwistjoni b'mod retroattiv. Issa, mill-provi jirrizulta illi:

1. Fil-bidu tal-proceduri quddiem il-Bord, l-intimati kienu talbu kumpens ta' Lm375,000, ghal tlett kwarti (3/4) indivizi ta' l-art esproprjata;
2. Iz-zewg membri teknici tal-Bord ippezentaw ir-relazzjoni taghhom fl-atti, u f'din ir-relazzjoni qablu li huma *"jistmaw il-valur tat-tlett kwarti indivizi ta' din il-bicc'art, (bazat dan fuq valur tal-intier ta' £M 602460), fil-prezz ta'*

*£M 451845, (erba' mija u wiehed u hamsin elf tmien mija u hamsa u erbghin Liri Maltin)."*[11]

3. Fis-seduta tas-7 ta' Frar 2003 quddiem il-Bord gie *inter alia* verbalizzat hekk: *"Ir-rapport tal-Periti Teknici hu lest. Dr P Borg Costanzi u Dr J Scerri f'isem il-patrocinati taghhom jiddikjaraw li m'ghandhomx provi aktar in vista li jirrimettu ruhhom ghar-rapport tal-periti teknici."*[12]

4. L-Artikolu 25(5) tal-Kap. 88 fiz-zmien rilevanti[13] kien jippreskrivi illi: *"Ic-Chairman ikun biss obbligat li joqghod fuq ir-rapporti tal-membri li jinsabu fuq il-Lista kull meta r-rapporti taz-zewg membri li jinsabu fuq il-Lista f'xi kaz partikolari ikunu unanimi."*

5. Fis-seduta tal-11 ta' Ottubru 2004, ir-rikors gie differit ghas-sentenza ghall-15 ta' Novembru 2004[14], u sussegwentement ghas-6 ta' Dicembru 2004[15], u baqa' jigi hekk differit sakemm fl-ahhar gie deciz b'sentenza tas-27 ta' Marzu 2006.

6. Fiz-zmien li l-kawza kienet qieghda tigi differita ghas-sentenza, gie promulgat l-Att XVII ta' l-2004, li *inter alia* ippromulga l-emenda impunjata b'mod retroattiv, u cioe` ghamel l-emenda applikabbli anki ghal proceduri quddiem il-Bord li kienu pendenti, bhal dawk ta' l-intimati appellati. Din l-emenda dahlet fis-sehh fit-23 ta' Dicembru 2004.

**19.** Mis-suespost, din il-Qorti tikkonkludi li:

1. In vista tad-dispost ta' l-Artikolu 25(5) tal-Kap. 88 fuq citat, l-intimati appellati kienu gustifikati li jippretendu li <u>la darba il-membri teknici tal-Bord kienu unanimi</u>, il-Bord ma kellux xelta hlief li jistabbilixxi l-kumpens dovut lilhom fl-ammont indikat mill-membri teknici tal-Bord fir-rapport taghhom. Fil-fatt huma kienu espressament irrimettew ruhhom ghar-relazzjoni ta' l-istess membri teknici, b'mod li

---

[11] Ara fol. 29 tal-process tal-Bord.
[12] Ara fol. 68 tal-process tal-Bord.
[13] Cioe` qabel l-emendi apportati bl-Att XXI ta' l-2009.
[14] Ara fol. 93 tal-process tal-Bord.
[15] Ara fol. 98 tal-process tal-Bord.

l-Bord seta’ jillikwida kumpens oghla minn dak li jitolbu il-partijiet.
2. Meta il-proceduri gew differiti ghas-sentenza, l-emenda in kwistjoni kienet ghadha mhux promulgata. Ghalhekk, kieku l-Bord ta s-sentenza tieghu fl-ewwel jew anke t-tieni differiment ghas-sentenza, l-emenda ma kienx ikollha effett fuq il-proceduri ghall-kumpens ta’ l-intimati appellati.

**20.** Konsegwentement, fil-mument li fih il-proceduri quddiem il-Bord gew differiti ghas-sentenza, l-intimati appellati kellhom *a legitimate expectation* illi l-Bord kien se jillikwida l-kumpens ta’ l-esproprju, fl-ammont stabbilit (unanimament) mill-membri teknici tal-Bord. Ghalhekk, l-intimati appellati kellhom “possediment” fit-termini ta’ l-Artikolu 1 ta’ l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea.

**21.** Konsegwenza ta’ din l-emenda b’applikazzjoni retroattiva, l-intimati appellati gew imcahhda milli jiehdu il-kumpens stabbilit mill-membri teknici – li kien oghla minn dak li kien mitlub minnhom stess fil-bidu tal-proceduri – u din l-interferenza tammonta ghal tehid ta’ possediment, jew ahjar, ta’ parti minnu. Konsegwentement, wiehed irid jara jekk din l-interferenza kienitx gustifikata.

**22.** Ma hux kontestat li l-interferenza kienet giet stabbilita b’ligi, u cioe bl-Att XVII ta’ l-2004. Jirrizulta li din l-emenda giet introdotta mill-legislatur sabiex iwaqqaf lill-Bord ta’ l-Arbitragg dwar Artijiet mill-prattika li kien beda f’dawk iz-zminijiet li jiffissa kumpens oghla minn dak li l-istess sid intimat ikun talab ghall-esproprjazzjoni, u ma liema prattika il-legislatur ma kienx jaqbel[16]. F’dan is-sens, din l-emenda hija wahda ragonevoli, ghaliex meta sid l-art jiddikjara l-kumpens li jkun qed jippretendi in kontrakambju ghall-esproprju, fil-verita` huwa jkun qieghed jiddikjara l-ammont li huwa stess iqis bhala kumpens xieraq ghat-tehid ta’ l-art. Jista ghalhekk jigi validament argumentat li ma huwiex fl-interess pubbliku li l-Gvern jigi mgieghel ihallas ta’ l-art esproprjata kumpens

[16] Ara diskors ta’ l-Onor. Vici Prim Ministru Dottor Tonio Borg fl-Kumitat Permanenti ghall-Konsiderazzjoni ta’ Abbozzi ta’ Ligi (Laqgha Nru. 37 mizmuma fis-16 ta’ Dicembru 2004), li kopja tieghu tinsab a fol. 206 tal-process in prim’istanza.

oghla minn dak li sidha stess minn rajh ikun talab ghaliha ghas-semplici raguni li z-zewg membri teknici jkunu ta' opinjoni – anke jekk opinjoni esperta – diversa minn sid l-art ghal dak li huwa l-prezz gust skond il-ligi. Ghalhekk ir-rekwizit ta' l-interess pubbliku huwa sodisfatt.

**23.** Jonqos, pero`, li jigi kkunsidrat jekk din l-interferenza mad-dritt ta' l-intimati appellati ghat-tgawdija pacifika tal-possedimenti taghhom tirrispettax, fid-dawl tal-fattispeci partikolari tal-kaz, dak il-bilanc gust bejn l-interess generali tal-kommunita` u l-esigenza li jigu protetti d-drittijiet fundamentali ta' l-individwu. Fis-sentenza ta' **Maurice v. France**, fuq citat, il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, fuq l-iskorta ta' kazistika precedenti osservat hekk: *"Compensation terms under the relevant domestic legislation are material to the assessment whether the contested measure respects the requisite fair balance and, notably, whether it imposes a disproprotionate burden on the applicants. In this connection, the Court has already found that the taking of property without payment of an amount reasonably related to its value will normally constitute a disproportionate interference, and a total lack of compensation can be considered justifiable under Article 1 of Protocol No. 1 only in exceptional circumstances."*

**24.** Kif diga` nghad, l-intimati appellati kellhom *a legitimate expectation* li l-Bord kien se jillikwida l-kumpens fl-istess ammont li kienu ffissaw il-membri teknici tal-Bord, u cioe` fl-ammont ta' Lm451,845 ghal tlett kwarti (3/4) indivizi ta' l-art esproprjata. Dak li gara f'dan il-kaz kien li, minghajr ebda htija tas-sidien appellati, il-*goal posts* tbiddlu mill-istess Gvern li huwa rappresentat fil-kawza mill-Kummissarju tal-Artijiet wara li l-ammont kien gie determinat skond il-ligi u wara li kawza kienet thalliet ghas-sentenza. Konsegwenza ta' l-applikazzjoni retroattiva ta' l-emenda impunjata, il-Bord iffissa kumpens ta' Lm375,000 – l-oghla kumpens li kienu talbu l-istess intimati appellati – u cioe` ammont ta' Lm76,845 inqas minn dak iffissat mill-membri teknici skond ligi, ligi li sa dak iz-zmien kienet tipprovdi li l-kumpens xieraq kien proprju dak stabbilit mill-Bord jew, meta l-membri teknici

jkunu unanimi, effettivament minn dawn il-membri teknici. Naturalment id-differenza effettiva ghall-intimati appellati, u cioe` Frank u Inez konjugi Calleja u Agnese Gera de Petri, hija a proporzjon tas-sehem indiviz rispettiv taghhom ta' l-art esproprjata.

**25.** Huwa veru li kienu l-istess intimati appellati li stabbilew il-kumpens li, fil-fehma taghhom, kien xieraq ghat-tehid ta' l-art taghhom, meta talbu il-kumpens ta' Lm375,000. Pero` tajjeb jew hazin, il-ligi kif kienet qabel l-emenda impunjata, kienet tippermetti lill-Bord li jiffissa kumpens oghla minn dak mitlub mis-sidien intimati, liema kumpens kien allura l-kumpens gust ossia xieraq skond il-ligi. L-intimati appellati kellhom proceduri pendenti quddiem il-Bord li kienu differiti ghas-sentenza <u>qabel</u> dahlet fis-sehh l-emenda in kwistjoni, u ghar-ragunijiet fuq spjegati, huma kellhom *a legitimate expectation* li Bord kien se jillikwida favur taghhom, il-kumpens <u>kollu</u> stabbilit mill-membri teknici tieghu. L-emenda in kwistjoni kellha effett retroattiv b'tali mod li harbtet kompletament dak il-bilanc gust li jrid jezisti bejn l-interess generali tas-socjeta` u l-ezigenza li jigu protetti d-drittijiet fondamentali tal-individwu, bilanc li huwa, tista' tghid, is-substrat ta' kwazi d-disposizzjonijiet kollha tal-Konvenzjoni Ewropea, u li certament huwa fondamentali fil-kuntest tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll. F'dan is-sens, u dejjem tenut kont tal-fattispeci partikolari tal-kaz, wiehed jista' jghid li l-appellati konjugi Calleja u Agnes Gera de Petri sofrew dak li l-Qorti Ewropea ssejjah *"an individual and excessive burden."* S'intendi, is-sitwazzjoni kienet tkun kompletament differenti li kieku l-emenda in kwistjoni giet fis-sehh qabel ma l-membri teknici kienu lahqu rrelataw.

**26.** Konsegwentement, kien hemm lezjoni tal-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni.

**27.** Jonqos li jigi ikkunsidrat jekk l-emenda impunjata kisritx il-*legitimate expectation* ta' l-intimati appellati taht l-Artikolu 37(1) tal-Kostituzzjoni. Dan l-Artikolu jitkellem fuq tehid furzat ta' *"proprjetà" u "interess fi jew dritt fuq proprjetà"* – dicitura li hija inqas ampja mill-kelma *"possedimenti"* uzata fl-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea. Minn qari akkurat ta' l-Artikoli 308

sa 317 tal-Kodici Civili li jiddefinixxu l-beni immobbli u l-beni mobbli, ma jirrizultax li *claim* jew pretensjoni tista' taqa' taht xi wahda mid-definizzjonijiet ta' proprjeta`. Huwa veru li skond l-Artikolu 315 *"Huma mobbli ghax hekk tqishom il-ligi"* u skond l-inciz (c) *"in generali l-obbligazzjonijiet kollha, l-azzjonijiet ukoll ipotekarji u l-jeddijiet li ma jitqiesux bhala mmobbli taht id-disposizzjonijiet tas-Sub-Titolu ta' qabel dan."* Izda *legitimate expectation* la hija obbligazzjoni, la hija azzjoni u lanqas hija ekwipollenti ghal jedd, u ghalhekk lanqas dan l-inciz ma' huwa applikabbli. L-emenda impunjata m'abolitx il-proceduri li l-intimati appellati kellhom pendenti quddiem il-Bord[17] izda nehhitilhom l-aspettiva legittima taghhom li l-kumpens lilhom dovut kien se jigi iffissat skond id-disposizzjonijiet tal-Kap. 88 allura vigenti.

**28.** Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-kuncett ta' *legitimate expectation* ma jidholx fid-definizzjoni ta' *"proprjeta`"*, u konsegwentement l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ma hux applikabbli f'dan il-kuntest.

**29.** Ghaldaqstant, dan it-tieni aggravju ghandu jigi michud ghal dak li jirrigwarda l-lezjoni ta' l-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea, izda ghandu jigi milqugh ghal dak li jirrikwarda l-allegata lezjoni ta' l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni.

**<u>It-tielet aggravju</u>**

**30.** Fit-tielet aggravju tieghu, il-Kummissarju appellant jissottometti illi din l-emenda bl-ebda mod ma naqset minn xi dritt li parti kellha quddiem qorti jew tribunal rispettivament, ghaliex huwa assurd li wiehed jitkellem fuq "dritt" li jircievi kumpens ghal art aktar milli huwa stess, minghajr ma kien soggett ghal ebda limitazzjoni, ikun talab taghha. Issa fis-sentenza taghha, l-ewwel Qorti rriteniet illi bl-introduzzjoni tal-*proviso de quo* gie vjolat id-dritt ghal kumpens xieraq ai termini ta' l-Artikolu 37 tal-

[17] Ara b'analogija is-sentenza **Perit Arkitett Joseph Barbara v. Onor. Prim Ministru** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fl-20 ta' Jannar 1989 (Vol. LXXIII – Part 1- Pag. 14).

Kostituzzjoni u li ghall-istess raguni gie vjolat ukoll l-Artikolu 1 ta’ l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea.

**31.** In vista tal-konkluzjoni ta’ din il-Qorti fir-rigward tat-tieni aggravju, ma hux necessarju illi wiehed jidhol biex jikkunsidra dan l-aggravju.

**Decide**

**32.** Konsegwentement, ghar-ragunijiet premessi, u ghalhekk mhux necessarjament ghar-ragunijiet kollha moghtija fis-sentenza appellata, tirriforma s-sentenza appellata billi (**a**) tikkonfermaha in kwantu ddikjarat li l-applikazzjoni retroattiva ta’ l-emenda introdotta bl-Att XVII tas-sena 2004 bhala *proviso* ghas-subinciz (1) ta’ l-Artikolu 25 ta’ l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta’ l-Artijiet ghal Skopijiet Pubblici (Kap. 88) fid-decizjoni tal-Bord ta’ l-Arbitragg dwar l-Artijiet tas-27 ta’ Marzu 2006 fil-kawza fl-ismijiet *“Il-Kummissarju ta’ l-Artijiet v. Frank Calleja et”* (Rikors 45/2001) illediet id-dritt ta’ l-intimati appellati konjugi Calleja u Agnes Gera de Petri ghat-tgawdija pacifika tal-possedimenti taghhom kif protett bl-Artikolu 1 ta’ l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea; (**b**) thassar u tirrevoka s-sentenza appellata fil-bqija; (**c**) tiddikjara l-imsemmija emenda nulla u bla effett fil-konfront ta’ l-intimati appellati Frank u Ines konjugi Calleja u Agnes Gera de Petri; u (**d**) tordna lir-Registratur jghaddi lura l-atti lill-Qorti ta’ l-Appell (komposta kif suppost) sabiex din tiehu konjizzjoni ta’ din is-sentenza fil-proceduri pendenti quddiemha. In vista tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz, l-ispejjez ta’ din ir-riferenza kostituzzjonali, kemm ta’ l-ewwel Qorti kif ukoll ta’ dan l-appell, jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

Deputat Registratur
df

**APPENDICI A**

Kopja tas-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili, Rikors Numru 6/07, fl-ismijiet Kummissarju tal-Artijiet v. Frank Calleja et deciza mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Novembru 2008, qeghdha tigi hawn annessa biex tifforma parti integrali minn din l-odjerna sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------